# Patrimonju Nazzjonali

Il-*Forti Ricasoli* hija bla dubju parti mill-Wirt Nazzjonali ftit li xejn apprezzata. Żgur li biex iżżomm Forti bħal din trid mhuxbiss rieda tajba, imma wkoll flejjes kbar. F'dik il-Forti li tagħmel mad-distrett tal-Kalkara hemm knisja dedikata lil San Nikola ta' Mira. Din il-knisja hekk dedikata għall-qaddis Nikola l-isem li kien iġib il-Gran Mastru Cottoner li saret fi żmienu (1663–1680). Din il-knisja żgħira mibnija stil doriku tinsab f'nofs il-forti. Kienet suġġetta lejn il-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, iżda l-Gran Mastri dejjem sostnew li kellha tagħmel mal-Prijur ta' l-Ordni u mhux ma' l-Isqof Djoċesan. Din il-kwistjoni minkejja li Ruma kienet qatgħet li jagħmel minnha d-Djoċesan, baqgħet sejra saħansitra sa żmien l-Ingliżi, tant li meta l-Isqof Pace fl-1907 kiteb lill-Gvern il-għaliex kien ittieħed kwadru ta' Cottoner mill-Knisja biex tqiegħed fil-Mess ta' l-Ufficjali Ingliżi, fil-ġurnal "Il-Malta" (Nru 2955) il-Gvern wera li kien għadu jżomm id-dritt tal-Knisja.

Meta iżda l-Knisja kienet f'idejn il-Parrokat tal-Birgu u tal-Kurja Maltija, kull meta kien isir Rettur, dan kien jingħata dokument ta' *hand over* u jiddikjara li jirċievi dawk l-oġġetti li kien ikun hemm fil-Knisja. Tant li jidher li din il-Knisja sas-sena 1843 kienet tippossedi mhux biss ħwejjeġ kollha meħtieġa għas-servizz, iżda wkoll fided. Interessanti kienu wkoll xi kwadri ta' pittura fosthom kwadri ta' San Nikola tal-Preti, u oħrajn ta' San Ġwann, San Pietru, San Lawrenz, il-Madonna tal-Pilar u tal-Ecce Homo. Dawn l-aħħar li smajn bihom kien f'rapport tal-Mużew Nazzjonali tas-sena 1946/48 meta wħud minnhom kienu restawrati. Iżda l-fided, ħwejjeġ, u tant oġġetti oħra ħadd ma jaf x'sar minnhom. Hekk jiġri meta knisja jew kappella tkun mitluqa jew abbandunata.

Skond kitba tal-Kan G.M. Farrugia tal-Birgu kien hemm ukoll statwa ta' San Nikola u oħra tad-Duluri. Sa żmienu il-fided kienu wkoll jeżistu u magħhom isemmi ikona qadima fuq l-injam. Jingħad ukoll li fil-Knisja kienu jidhru imtappna xi pittura ta' armi tal-Gvernaturi tal-Forti u fil-knisja kien hemm lapidi ta' rħam li jfakkru translazzjoni ta' diversi relikwi tal-qaddisin, traslazzjoni li kienet saret fi żmien li kien jieħu ħsieb il-knisja Fra Gaetano Roboul.

Din il-Knisja li għadha ssaltan f'nofs il-Forti storika tar-Rikasli fil-limiti tal-Kalkara hija Wirt Nazzjonali ta' min jgħożżu.

Iżda nistaqsi: Min jieħu ħsieb dan il-Wirt minkejja l-Miljuni ta nfieq li jsiru kull sena? Tgħid għadna ma napprezzawx biżżejjed il-Wirt Nazzjonali, jew ngħożżuh biss meta dan ikun f'darna? Wieġbu inthom.

***Lorenzo Zahra***